**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 7 ta' Dicembru, 2022**

Numru 13

**Appell Nru. 44/2022**

**Rosario Agius**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rosario Agius tat-18 ta' Lulju 2022 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' Gunju 2022 li biha ikkonferma r-rifjut tal-applikazzjoni PA6339/20 'to reconstruct vernacular barumbara' f'Haz Zebbug;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell jikkoncerna talba sabiex issir rikostruzzjoni ta' barumbara b'gholi ta' tlett sulari sabiex tintuza bhala residenza. L-izvilupp propost jinsab f'zona rurali fi Triq il-Kandlora, Haz-Zebbug.

Illi l-izvilupp propost gie rrifjutat mill-Awtorita' tal-Ippjanar ghar-raguni li l-binja proposta teccedi l-gholi u l-floor area tal- istruttura rurali ta' qabel l-1978 li ghada prezenti fuq is-sit, bi ksur tad-dispozizzjonijiet f'Policy 6.2C tal-linja gwida rurali tal-2014. Barra min hekk, il-propost tinkludi uzu residenzjali u ma' hemmx prova sufficjenti li dan huwa legally established u ghaldaqstant din tmur kontra Thematic Objective 1 u Rural Objectives 1, 3 u 4 tal-iSPED.

Illi permezz tal-appell odjern, l-appellant jirribatti fuq ir-rifjut tal-Awtorita' bi tlett (3) aggravji fejn jindika:
1. Illi minbarra li l-konfini ghadhom vizibli u jidhru fir-ritratti mill-ajru tal-1978, giet ikkummisjonata investigazzjonijiet fuq issit odjern min konsulent arkeologu li fijhom instabu l-pedamenti tal-barumbara originali, filwaqt li l-proposta hija limitata ghal dawn il-pendamenti u ghalhekk m'hemmx zieda fil-footprint tal-bini;
2. Illi l-floorarea ma teccedix il-200 m.k., filwaqt li huwa propens li jnaqqas din ghal 200 m.k. u sahansitra anqas min hekk;
3. Fir-rigward tal-uzu residenzjali issir referenza ghal dokumentazzjoni li tinkludi informazzjoni storika fuq il-barumbara originali, u min analizi storika ta' espert gie konkluz li kien jezisti uzu residenzjali, filwaqt li l-istess linja gwida rurali tippermetti tali uzu gewwa binjiet vernakolari.

Illi l-Awtorita' baqghet ferma fl-oggezzjoni taghha, u tibda billi tindika: ·
●Illi din hija t-tieni applikazzjoni tal-appellant fuq is-sit odjern ghal zvilupp ta' residenza, bl-applikazzjoni outline PA04120/18 giet rrifjutata fil-principju u ma gie ntavolat l-ebda appell mid-decizjoni. ·
●Illi l-Awtorita' baqghet konsistenti li l-izvilupp propost (residenza ta' madwar 278 m.k.) huwa esagerat minhabba li skont ir-ritratti mill-ajru tal-1967 kien hemm biss kmamar baxxi circa 15-il metru kwadru, u minhabba li l-uzu residenzjali m'huwiex accettabli minhabba nuqqas ta' prova sufficjenti; ·
●Illi ghalkemm l-appellant qed jallega li wara studju kommissjonat minnhu jirrizulta li l-barumbara hija storikament dokumentata, hekk kif indikat fil-case officer report l-SCH ma kkonfermatx tali konkluzjonijiet; ·
●Illi l-Awtoritá ma taqbilx li f'dan l-istadju ta' appell issir tibdil fil-proposta, filwaqt li jigi ssottolineat li la darba ma giex stabbilit li kien hemm xi razzett li m'ghadux jintuza ghal dawn l-ahhar 10 snin kif titlob policy 6.2C(5)(d) tal-RPDG'14, l-argument li jitnaqqas l-izvilupp propost ghal 200 m.k. mhux applikabbli; ·
●Illi mhux car kif intlahqet il-konkluzjoni li kien jezisti uzu residenzjali meta l-appellant qed jiddikjara illi l-barbumara kienet kompletament meqruda fit-Tieni Gwerra Dinija u ghalhekk kien impossibili li tinstab id-dokumentazzjoni mehtiega; ·
●Illi ma saret l-ebda verifikazzjoni fir-rigward tal-ezistenza tal-barumbara u tal-uzu ta' din l-istruttura, u ghalhekk il-pretensjonijiet tal-appellant huma ibbazati fuq argumenti infondati u informazzjoni skoretta.

Illi partecipi f'dan l-appell hemm ukoll l-SCH li fil-kummenti taghha taghmel referenza ghar-risposta taghha moghtija fil-kors tal-applikazzjoni u b'mod partikolari tissottolinea li r-rapport storiku ma jippruvax l-ezistenza ta' barumbara, li l-proposta m'hijiex limitata ghal

rikostruzzjoni ta’ binja storika u ghaldaqstant hemm thassib fuq l-intensifikazzjoni ta’ zvilupp fl-ODZ b’impatt negattivi fuq il-fdalijiet li jista jkollhom valur min lat ta’ wirt kulturali.

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali l-appellant jirrimarka li r-raguni l-ghaliex ma’ sarx appell wara r-rifjut tal-applikazzjoni outline PA04120/18 kienet li ma kienux ingabu bizzejjed provi fir-rigward tal-barumbara originali u l-uzu residenzjali, bid-dokumentazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni odjerna intiza sabiex tindirizza dan it-thassib. L-appellant jishaq li l-pedamenti tal-barumbara ghadhom vizibli kif indikat fir-rapport u kif jidher fir-ritratti mill-ajru. Fir-rigward tal-uzu residenzjali jaghmel referenza ghal dikjarazzjoni notarili li tindika l-familja Attard tabita f’din ir-residenza hekk kif jirrizulta mir-registri elettorali.

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tal-inkartament tal-applikazzjoni mertu ta’ dan l-appell u tas-sottomissjonijiet maghmula mill-Partijiet;

Ikkunsidra
Illi l-ewwel zewg aggravji mressqa jirrigwardaw l-iskala tal-izvilupp, bl-ewwel aggravju jigi argumentat li fuq is-sit kienet tezisti barumbara u l-estent tal-izvilupp huwa limitat ghal pedamenti ta’ din il-barumbara, u permezz tat-tieni aggravju jigi ndikat li l-floor area ma’ teccedix il-200 m.k., u li l-appelant huwa anke propens li jirriduci l-iskala tal-binja proposta.

Illi l-appellant qed jindika li l-footprint tal-barumbara originali kienet ikbar min dak li jidhru fir-ritratti mill-ajru tal-1978, u li danhuwa bbazat fuq investigazzjonijiet arkeologika kkummisjonata minnu, fejn qed jinghad mill-istess appellant li instabu l-pedamenti tal-barumbara originali.

Illi min-naha taghha l-Awtorita tkompli tishaq li l-istrutturi fuq is-sit jammontaw biss ghal kmamar baxxi b’kejl ta’ madwar 15-il m.k., kif ukoll li fil-kors tal-applikazzjoni l-SCH ma kkonfermatx il-konkluzjonijiet tal-istudju kkommissjonat. Dan gie kkonfermant fil-partecipazzjoni tal-SCH f’dan l-appell fejn gie ssottolineai li r-rapport storiku ma’ jippruvax l-ezistenza ta’ barumbara.

Illi fl-evalwazzjoni taghha l-Awtorita ndikat dan li gej fir-rigward tal-historical report:
“A historical report was submitted by architect at document 11G, stating that the site contains the ruins of atypical Maltese vernacular structure which might have been a 'barumbara'. The report was referred to the Superintendence of Cultural Heritage for further review, which noted that the report is inconclusive and does not immediately relate to this proposal. The SCH also remarked that the submitted proposal for the reconstruction ofa 'barumbara' is erroneous since the proposal is for the construction of a residence (document 55A). In light of theSCH comments, there is no strong conclusive evidence which proves that the 'barumbara' is historically documented.” [Skont il-case officer report a fol 59A fl-inkartament tal-PA06339/20]

Illi fir-risposta tal-SCH fil-kors tal-applikazzjoni odjerna gie ndikat dan li gej fir-rigward tal-historical report: “The Superintendence deems the Historical Significance Report as inconclusive and not immediately relevant to the proposal.” [Skont dok a fol 55A fl-inkartament tal-PA06339/20]

It-Tribunal ha konjizzoni tal-historical report ikkummissjonat mill-appellant li jaghmel referenza ghalieh l-Awtorita u l-SCH, fejn seta josserva li dan ir-rapport jinkludi diversi sezzjonijiet li jinkludi background tal-kuntest storiku, ricerka dwar l-istorja tas-sit inkwistjoni u osservazzjonijiet fir-rigward tal-fdalijiet prezenti fuq is-sit [Skont sezzjonijiet A2, A3 u A4 f’dok a fol 11G fl-inkartament tal-PA06339/20]
. Illi fis-sezzjoni tal-background storiku jigi ndikat li fl-inhawi kienet tezisti knisja medjevali, izda ghalkemm sar attentat sabiex tigi ottenuta xi tip ta’ nformazzjoni fuq il-knisja li tista

tinkludi wkoll informazzjoni fuq is-sit in kwistjoni, ma' nstab l-ebda arkivju storiku. Fis-sezzjoni tar-ricerka dwar l-istorja tas-sit gie ndikat li mill-Melitensia ma nstabet l-ebda informazzjoni specifika fuq is-sit, li mir-rapport tan-NARDC hemm biss informazzjoni firrigward tar-registrazzjoni tal-ghalqa, izda li l-prezenza tal-istruttura originali hija kkonfermata fis-survey sheets tal-1900 u li min ricerka li saret fl-arkivji nazzjonali ma' nstab l-ebda building notice, li ghalhekk ifisser li l-bini huwa ta' qabel l-1880. Issir ukoll referenza ghal dokumenti ohra varji, izda jigi ndikat li dawn ma jinkludux referenza specifika ghas-sit in kwistjoni, filwaqt li jigi ndikat ukoll li diversi dokumenti notarili gew ottenuti, izda dawn ma jaghmlu l-ebda referenza ghal ezistenza ta' barumbara ghajr ghall-fatt li s-sit huwa maghruf bhala 'Tal-Barumbara'. Issir ukoll referenza ghal laqgha ma' sensar mill-lokalita ta' Haz-Zebbug li fiha huwa wkoll indika li l-ghalqa hija maghrufa bhala 'Tal-Barumbara', u li ghalkemm ma' jiftakarx il-barumbara, jiftakar membri tal-familja tieghu jsemmu din l-istruttura. Issir referenza ghal rapport tal-pulizija, u jigi ndikat li nstab rapport datat 15 ta' Frar tal-1942 li fieh gie rrapurtat li twaqqaw erba bombi b'wahda min dawn waqet fl-ghelieqi "Tal-Gandlora" b'rizultat li kien hemm hsarat ta' kamra rurali u hitan tas-sejjiegh. Fis-sezzjoni A4 ssir referenza ghal dak li hemm prezenti fuq is-sit li jinkludi blat fil-wicc li jindika li kien surface quarrying jew preparazzjoni ta' pedamenti, knatan fil-hamrija, hajt ta' lqugh, u bir jew possibilment zewgt' ibjar. Fis-sezzjoni tal-evalwazzjoni jigi ndikat li "The general opinion of the applicant is partially supported through the research conducted that the structural remains found within the site in question possibly belong to the dove cote, built prior to 1880" u "no solid historical information, nor evidence could indeed be gleaned from historical research that sustain the existence of a dove cote, except for the verbal information obtained by a third person.".

Illi fl-isfond ta' dan ir-rapport, jigi osservat li l-evidenza ewleninja rigward il-prezenza ta' struttura ikbar min dik li kien hemm fl- 1967 huma is-survey sheets tal-1900 u l-prezenza ta' blat fil-wicc u knatan fil-hamrija li gew osservati fuq is-sit.

Illi fil-fazi finali ta' dan l-appell sar access fuq is-sit fejn it-Tribunal seta' jara xi hitan fil-livell ta' taht il-livell tal-hamrija, u l-perit tal-appellant indika li dawn huma pedamenti ta' struttura li kienet tezisti qabel il-gwerra u li waqghet fil-gwerra, b'dawn jinsabu fit-tarf fuq in-naha tal-punent tas-sit.

Illi madankollu ma jirrizultax li huwa minnu dak li qed jargumenta l-appellant fir-rigward tas-sejba tal-pedamenti, ghaliex fl-ebda parti tar-rapport storiku m'hu qed jigi ndikat li nstabu l-pedamenti tal-barumbara originali,

It-Tribunal josserva ulterjorment li ma gietx pprezentata l-metodologija ta' kif saret l-investigazzjoni arkeologika, u ghaldaqstant dan iqajjem dubju dwar kwalunlwe fdalijiet li hemm prezenti fuq is-sit odjern illum il-gurnata. Barra min hekk, ir-rapport storiku litant qed jibbaza ruhu fuq l-appellant ma jikkonfermax il-prezenza ta' barumbara fuq is-sit odjern, izda jissugerixxi biss il-possibilta' tal-prezenza ta' tali struttura, u dan minghajr ta' jipprovdi ebda hjiel fuq l-gholi u l-uzu ta' din l-istruttura.

It-Tribunal josserva li huwa minnu li Policy 6.2C tal-linja gwida rurali tal-2014 tipprospetta 'redevelopment and change of use of existing buildings ODZ', bi kriterju (1) jesigi li l-binja tkun koperta b'permess ta' zvilupp jew binja ta' qabel l-1978, izda kriterju (3) jesigi wkoll li "the replacement building does not exceed the total floor area of the previous building/s". Illi ghaldaqstant hija korretta l-Awtorita meta din fir-risposta taghha targumenta li "ma hemm l-ebda limitazzjoni f'dak li huwa daqs ta' bini sakemm jigi replikat dak li kien legalment stabilt qabel 1978.". Illi mill-provi mressqa mill-appellant ma' jirrizultax li kien hemm binja fuq is-sit odjern tad-daqs li qed jigi propost, ossia binja b'gholi ta' tlett sulari li ghandha floor area ta' madwar 280 m.k. [Skont pjanta a fol 11D fl-inkartament tal-PA06339/20].

Illi oltre min hekk, ghalkemm fit-tielet aggravju qed jigi argumentat li saret analizi storika ta' espert fejn gie konkluz li kien jezisti uzu residenzjali, jirrizulta li fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni odjerna kien gie ndikat li "It has been stated by architect that the 'barumbara' consisted of a residential unit on the lower level and a pigeon loft on the upper level; however, it is not clear how this conclusion was reached." [Skont il-case officer report a fol 59A fl-inkartament tal-PA06339/20] filwaqt li fir-risposta ghal case officer report sottomessa mill-perit inkarigat gie ndikat wkoll li "it is true that we did not provide solid evidence that this structure was used for residential purposed but traditionally all barumbara in Malta were used for residential purposes with the uppermost level used as a pigeon loft". [Skont dok a fol 72A fl-inkartament tal-PA06339/20]

Illi ma giet sottomessa l-ebda evidenza sabiex taghti sosten ghal dak li gie ndikat mill-perit inkarigat fir-rigward tal-uzu ta' barumbari ghal skopijiet residenzjali, filwaqt li din l-ipotezi lanqas wahda ma' tohorg mir-rapport storiku li jaghmel accenn l-appellant.

Illi fir-rigward tal-punt imqajjem li l-linja gwida rurali tippermetti uzu residenzjali gewwa binjiet vernakolari, it-Tribunal josserva li dan m'huwiex il-kaz ghaliex il-proposta hija ghal rikostruzzjoni ta' binja li llum m'ghadiex prezenti fuq is-sit. It-Tribunal josserva li dak li donnu qed jattenta li jaghmel l-appellant huwa li jinvoka l-provvedimenti tal-Policy 6.2A li tirregola "Rehabilitation and change of use of existing buildings of Architectural, historical (Not scheduled), Vernacular or of other significance ODZ" ghaliex kriterju 2(e) jippermetti li tigi stabbilita abitazzjoni gdida "provided the existing building to be converted has aminimum habitable area of 100m² (habitable area refers to the roofed internal space between walls), provided the site is already serviced by a road network that would adequately cater for the proposed residence". Fil-kaz odjern, ma' jirrizulta li hemm l-ebda binja ta xi tip ta' valur jew binja li ghandha minimum habitable area li jammonta ghal 100 m.k. kif definit fl-istess kriterju ghaliex ma jezisti l-ebda bini fuq is-sit fil-prezent, u ghaldaqstant l-argumenti imressaq li l-linja gwida rurali tippermetti uzu residenzjali gewwa binjiet vernakolari ma' ghandu l-ebda relevanza ghal merti tal-kaz odjern.

Illi ghaldaqstant l-izvilupp propost ghandu jkun limitat ghal dak li tipprovdi l-policy, fejn fir-rigward tal-uzu propost kriterju (5) tal-Policy 6.2C jezigi hekk kif gej:
"(5) the replacement building shall be limited to:
a) a use already legally established and/or covered by a development permission; or
b) new uses permitted by this policy document subject to the respective criteria. Except for dwellings referred to in Policy 2.2B, this policy excludes dwellings which dwellings can only be permitted in terms of policies 6.2A and 6.2B;
c) disused livestock farms which have ceased operation for at least 10 years (prior to the coming into force of this policy document) and which are creating a negative environmental impact on the site and its surroundings. These may be redeveloped into 1 single dwelling unit which is not to exceed 200m2 floor space;
d) any other use that would result in a wider environmental benefit, provided the site is already serviced by a road network that would adequately cater for the proposed new use;"

Illi fil-mori ta' dan l-appell ssir ukoll referenza ghal dikjarazzjoni notarili, b'kopja ta' din giet sottomessa mill-appellant u taqra hekk kif gej:
Nista niccertifika illi min ricerka illi saret fir-registru elettorali u mis-Supplement to the Malta GovernmentGazette tas-sena 1925 u 1930 irrizulta illi il-fond fi Triq il-Gandlora f'Haz-Zebbug Malta bin-numru tal-bieb 3 u 4illi tisbokka fi Wied Baqqija kien okkupat mil-familja Attard detta "tac-Cinquini".

It-Tribunal josserva li din id-dikjarazzjoni notarili ma taghmel l-ebda referenza specifika ghas-sit in kwistjoni, u l-appellant majaghmel l-ebda attentat sabiex jikkjarifika kif din hija ta'

relevanza ghas-sit odjern. It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghad-decizjoni moghtija min dan it-Tribunal kif diversament kompost fl-appell numru 204/17 li fijha gie ndikat li:
“Illi l-policy tirrikjedi li f'kaz ta' uzu tal-art, u ghar-rigward il-kaz in kwisjtoni, l-uzu huwa dak residenzjali, jehtieg li jkun gja visibli fir-ritratti mill-ajru tas-sena 1978. Illi huwa car li l-oneru tal-prova ta' residenza hija kwalifikata' skont kif defenit fil-linja gwida.
Ghaldaqstant filwaqt li bini li jista ma jkunx ghadu jezisti b'mod shih jew addirittura mwaqqa' kollu kemm hu jista jerga jigi rikostruwit mill-gdid skont il-policy 6.2C, dejjem jekk fir-rigward ta' uzu residenzjali huwa wiehed li huwa gja legally established skont proviso 'a' tar-rekwizit numru 5 tal-istess policy u ghaldaqstant mhux korrett li huwa bizzejjed bhala prova li “fis-sit in kwistjoni kienet f'xi zmien residenza” kif qed jinsistu l-appellati.”

Illi fil-kaz odjern tezisti sitwazzjoni simili ghaliex anke kien giet sottomessa prova sufficjenti li f'xi zmien il-bini kien jintuza ghal skopijiet residenzjali, la darba l-bini ma' ghadux ezistenti u lanqas ma' kien ezistenti fl-1978, l-uzu residenzjali xorta wahda ma' jkunx jista jigi meqjus bhala legally established kif mitlub fi kriterju 5(a), u ghaldaqstant m'huwiex accettabli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal m'huwiex propens li jikkunsidra tnaqqis fl-iskala tal-izvilupp kif qed jindika l-appellant fit-tieni aggravju, dan kemm minhabba li l-provi migjuba fir-rigward tal-iskala tal-bini li kien jezisti hija ferm inqas mill-iskala tal-bini propost, kif ukoll minhabba li l-evidenza fir-rigward tal-uzu residenzjali m'hijiex sufficjenti. Ghaldaqstant, l-aggravji mressqa qedjigu michuda.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni PA06339/20.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal ikkommetta zball ta' ligi meta qal 'fir-rigward tal-provi imqajma li l-linja gwida rurali tippermetti uzu residenzjali gewwa binjiet vernakolari, it-Tribunal josserva li dan mhuwiex il-kaz ghax il-proposta hija ghal rikostruzzjoni ta' binja li illum m'ghadhux prezenti fuq is-sit'. Hu sottomess li policy 6.2C tal-RPDG 2014 tghid li hu possibli rikostruzzjoni ta' bini u jigi assenjat uzu residenzjali basta li dan ikun legalment stabbilit ghax il-policy ma teskludix uzu residenzjali, u l-policy lanqas ma tesigi li l-bini ta' qabel l-1978 ikun ghadu prezenti meta issir l-applikazzjoni. Dan irendi l-gudikat zbaljat;

2. It-Tribunal ukoll immotiva d-decizjoni tieghu billi qal li l-appellanti donnu qed jinvoka l-provvedimenti tal-policy 6.2A li tirregola 'rehabilitation and change of use of existing buildings' li fost il-kriterji tieghu f'paragrafu 2(e) jippermetti li tigi stabbilita residenza basta li l-binja ezistenti ghandha 'minimum floor area' ta' 100 metru kwadru. L-appellant isostni illi qatt ma issottometta li fuq is-sit kien hemm binja imsaqqfa ta' 100 metru kwadru jew li invoka din ir-raguni biex jiggustifika l-applikazzjoni. Dan hu zball ta' ligi li timmerita twaqqa' d-decizjoni.

**L-aggravji mehud flimkien**

Din il-Qorti bla ebda ezitazzjoni tqis dan l-appell bhala infondat. Fl-ewwel lok l-appell hu bazat fuq kostatazzjonijiet obiter tat-Tribunal mehudin barra mill-kuntest tas-sustanza tad-decizjoni. Il-parti decizorja tat-Tribunal hi cara. Il-proposta tal-appellant tfalli in primis ghaliex l-iskala tal-bini li gie ippruvat li jezisti hi ferm inqas mill-iskala tal-bini propost. Din il-konkluzjoni tirreferi specifikament ghal policy 6.2C tal-RPDG 2014 kif fil-fatt jitkellem dwarha t-Tribunal fid-dettall fil-konsiderazzjonijiet dwar il-prova li saret fuq il-kobor tal-'floor area' tal-bini li kien jezisti fuq is-sit. Fuq l-evalw azzjoni tal-provi fattwali din il-Qorti ma tintromettix ruhha pero f'dan il-kaz ma jistax ma jinghadx li t-Tribunal immotiva b'argumenti dettaljati u motivati ghaliex wasal ghal konkluzjoni li wasal. Dan kien ikun bizzejjed biex l-applikazzjoni tigi rifjutata pero t-Tribunal zied ukoll illi la darba l-binja lanqas tidher li kienet ezistenti fl-1978 ma jistax jitqies bhala legally established skont kriterju 5(a) tal-policy 6.2C tal-RDPG 2014. Dwar dan l-ahhar raguni ta' rifjut it-Tribunal ukoll ikkonsidra li l-binja qua uzu residenzjali ma kellhiex tkun ghadha tezisti basta kienet vizibbli fi-ritratt mill-ajru tal-1978.

Kwindi b'risposta ghall-aggravji tal-appellant l-ewwel aggravju ma jsbix sostenn minn dak li t-Tribunal iddecieda dwaru fuq is-sustanza tal-applikazzjoni u in kwantu ghat-tieni aggravju, dak li ikkonsidra t-Tribunal kien biss hsieb obiter ta' dak li seta' ipprova jressaq l-applikant bhala gustifikazzjoni ghall-applikazzjoni skont policy ohra. Tali hsieb pero hu car li ma kienx il-mertu tal-applikazzjoni u d-decizjoni li ittiehdet dwarha skont il-policy applikabbli.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Rosario Agius u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-28 ta' Gunju 2022, bl-ispejjez ghall-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur